MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 38/2005

**Joseph Cachia**

**vs**

**Gatt Asphalting Company Limited**

**Illum l-Ġimgħa, 22 ta’ Marzu 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi fis-sena 2003, l-attur biegħ lil kumpanija konvenuta ‘trencher’ ta’ l-għamla ‘Vermeer’ numru T650 għal prezz ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000);

Illi l-kumpanija konvenuta vversat pagamenti fl-ammont kumplessiv ta’ tmintax-il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm18,500) lill-attur, liema pagamenti saru fis-6 ta’ Jannar 2004, fis-27 ta’ Frar 2004, fl-1 ta’ Marzu 2004, u fl-20 ta’ Ġunju 2004;

Illi r-rimanenti bilanċ ta’ ħdax-il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm11,500) fuq il-bejgħ tat-‘trencher’ riferit baqa’ ma tħallasx mill-kumpanija konvenuta għalkemm interpellata ġudizzjarjament sabiex tersaq għal ħlas tar-rimanenti somma;

Illi ripetutament il-kumpanija konvenuta ġiet interpellata sabiex tersaq għall-ħlas tar-rimanenti somma dovuta ta’ ħdax-il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm11,500) iżda din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Talab lis-soċjeta’ konvenuta tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta’ ħdax –il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm11,500);

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta’ ħdax –il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm11,500);

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok t-talbiet tal-attur kellhom jiġu fformulati f’talba waħda u unika u għalhekk ma għandux jiġi akkollat ta’ dawn l-ispejjes l-eċċipjenti;

2. Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi l-kondizzjoni sospensiva li hemm bejn il-partijiet għada ma seħħitx;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni mill-ammont mitlub għandhom jiġu mnaqqsa l-ispejjes neċessarji sabiex l-magna imsemmija tiġi msewwija kif ukoll d-danni li ġew kaġunati lis-soċjeta' eċċipjenti li ma setgħatx teżegwixxi numru ta' kuntratti;

4. B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn Mario Gatt.

Rat id-digriet tagħha tal-11ta' Jannar 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' *trencher* mibjugħa u konsenjata lis-soċjeta' konvenuta. Ma kien sar ebda kuntratt jew xi skrittura oħra dwar dan il-bejgħ, u l-ftehim kollu sar biss bil-fomm. Mario Gatt, direttur tas-soċjeta' konvenuta, li ġiet bżonn *trencher* sabiex ikunu jistgħu jitqattghu t-trinek fit-toroq in esekuzzjoni tal-kuntratti ta' appalt li kienet qegħdha tieħu, kien sar jaf li l-attur kellu *trencher* għall-bejgħ. Ikkuntattjah u fethmu li jmur l-impjant ta' l-attur f'Hal Safi sabiex jarah. Miegħu l-istess Mario Gatt ħa lil ħuh li kien jifhem fil-magni u anke jagħmel xi tiswijiet fil-vetturi tagħhom. Dan it-*trencher,* li ma kienx ġdid imma *second hand*, ġie ppruvat fuq il-post minn impjegat ta' l-attur u quddiem l-aħwa Gatt, li nnutaw li kellu ż-żejt iqattar. L-attur qal li dan kien dovut għal *oil seal* li kellu bżonn jinbidel u ntrabat li jipprovdi dan il-*part* lis-soċjeta' konvenuta, li aċċettat li tibdlu hi stess. Mill-bqija l-attur qal li l-vettura kienet għadha kemm inbidlitilha l-magna u ggarantixxa li kienet *in perfect working order.* Ġie miftiehem il-prezz ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000) u ftit wara saret il-konsenja ta' din il-vettura f'Għawdex. L-attur bagħat ukoll impjegat tiegħu sabiex għall-bidu iħaddem din il-vettura għas-soċjeta' konvenuta, sakemm in-nies tagħha jidraw iħaddmuha huma. Mal-konsenja ma

sar ebda pagament, imma l-ħlas beda jsir biss sitt xhur wara. Laħqu imbagħad saru erba’ pagamenti: wieħed ta’ Lm5000 fis-6 ta’ Jannar 2004, ieħor ta’ Lm5000 fis-27 ta’ Frar 2004, ieħor ta’ Lm5000 fl-1 ta’ Marzu 2004, u ieħor ta’ Lm3500 fl-20 ta’ Ġunju 2004, b’kollox għalhekk: Lm18,500, biex baqa’ bilanċ mhux imħallas ta’ Lm11,500, appuntu l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni.

Ġara illi hekk kif kien ser isir il-ħames pagament akkont, Mario Gatt ried li l-attur jiffirmalu skittura fejn dan jiggarantixxxi l-kwalita’ tajba tal-vettura mibjugħa u jintrabat li jagħmel tajjeb għall-ispejjez meħtieġa biex tissewwa l-vettura. L-attur pero’ rrifjuta, ma saru ebda pagamenti oħra u l-attur imbagħad ipproċeda bil-kawża presenti, fejn is-soċjeta’ konvenuta qed tesiġi li m’għandhiex tħallas qabel ma jiġi konsenjat l-*oil seal* kif imwiegħed, u li mill-bilanċ dovut għandhom jitnaqqsu l-ispejjez inkorsi fit-tiswija ta’ din il-vettura, kif ukoll id-danni kkaġunati lilha minħabba li ma setgħetx tużaha għall-skop li għaliha kienet inxtrat.

Mario Gatt għas-soċjeta’ konvenuta jinsisti li mhux talli l-attur baqa’ qatt ma kkonsenjalha l-*oil seal* ġdid, minkejja diversi talbiet u promessi, imma li rriżulta wkoll li din il-vettura kellha diversi difetti moħbija, li l-attur ma qallux bihom. Infatti ma’ l-użu ta’ dan it-*trencher* fix-xogħol tagħhom, indunaw li din kienet qed tiġbed għal naħa bil-konsegwenza li ma setgħetx taqta’ trinka fid-dritt. Iżjed minn hekk darba minnhom waqfitilhom il-magna minħabba ħsara ferm iżjed kbira minn sempliċi *oil seal* li ried jinbidel. Minħabba f’hekk l-istess Gatt jgħid li kellhom isiru diversi tiswijiet fuq din il-magna li swewlhom eluf ta’ liri, u sakemm saru dawn it-tiswijiet kellhom jinqdew b’*trencher* mikrija mingħand terzi għax-xoghol tagħhom.

Fir-rigward tal-kondizzjoni sospensiva msemmija fit-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta’ konvenuta, għalkemm huwa minnu li l-attur tassew intrabat li jikkonsenjalha *oil seal* ġdid biex ikun jista’ jinbidel dak difettuż, imkien ma rriżulta li din kienet xi kondizzjoni sospensiva għall-ħlas. Infatti rajna kif kienu ġia saru erba’ pagamenti sostanzjali, qabel ma s-soċjeta’ konvenuta rrifjutat li tagħmel pagamenti oħra, u r-

raġuni għal dan l-anqas ma kien għal xi ħaġa insinjifikanti bħala ma kien l-*oil seal* li kif qablu l-istess partijiet ma kienx jiswa iżjed minn Lm40, imma għal xi ħaġa ferm iżjed sostanzjali, bħal ma kienu d-difetti li bdew jirriżultaw ma' l-użu.

Fir-rigward imbagħad ta' l-eċċezzjoni l-oħra dwar riduzzjoni fil-prezz minħabba d-difetti moħbija, hija l-fehma ta' din il-Qorti li hemm żewġ raġunijiet għaliex din l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta lanqas ma tista' tirnexxi:

(i) jekk tassew kien hemm xi ħsara sostanzjali, ħaġa li qed tiġi assolutament kontestata mill-attur, is-soċjeta' konvenuta kellha tipproċedi bl-*actio aestimatoria* jew *redhibitoria* fiż-żmien stipulat bil-liġi; u

(ii) il-vettura in kwistjoni kellha tiġi ritornata lill-venditur malli tfaċċaw dawn l-allegati difetti jew altenattivament depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti, u mhux tibqa' tintuża xorta waħda mis-soċjeta' konvenuta, kif fil-fatt ġara fil-każ in eżami.

L-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili tagħna li jirregola l-bejgħ ta' oġġett mhux skond il-kwalita' miftehma jew bħall-kampjun, jistabilixxi illi:

"**Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwiegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħzel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit**."

Il-**Baudry Lacantinerie** jiddiskuti d-diffikolta' għax-xerrej li jinduna li l-oġġett mixtri ma kienx tal-kwalita' miftehma bil-mod segwenti:

"*Allorche' la merce consegnata dal venditore non riunisce le qualita' promesse o quando non e'confome al campione, il compratore e' forse in obbligo di rifiutarla al momento stesso in cui gli e' consegnata? Ha egli per farlo un termine limitato? La legge non prescrive alcun termine.*

*Senza dubbio il compratore deve rifiutare la mercanzia con molta sollecitudine perche' il suo silenzio non possa essere considerato come un'accettazione della mercanzia, nonostante i suoi difetti; ma gli occorre il tempo necessario per farne la verifica. Egli puo'di regola, rifiutare la mercanzia difettosa finche' non l'abbia accettata espressamente o tacitamente*." [1]

Huwa minnu illi s-soċjeta' konvenuta, għalkemm kienet ġiet assikurata mill-attur li kienet qed tixtri *trencher* li ma kellux difetti moħbija, hija riedet neċessarjament tuża l-istess vettura biex tkun taf jekk tassew kienx hekk. Madankollu, jekk verament bl-użu tat-*trencher* rriżultaw xi ħsarat, ma għamlet xejn effettiv biex turi lill-attur li ma kienitx ser taċċettaha u li riedet tikkanċella l-bejgħ. Kif ġie ritenut mill-qrati tagħna:

"*Jekk kien hemm xi malafede da parti tas-soċjeta' attriċi dana ġie sanat bl-istess aġir tas-soċjeta' kjamata fil-kawża meta ddeċidiet illi żżomm il-merkanzija għandha. Il-Qorti tagħmel referenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell minn kawża inferjuri fl-ismijiiiet: 'Attard Brothes vs Direttur ta' l-Edukazzjoni' mogħtija fl-4 ta' Novembru 1992 fejn intqal ċar u tond illi x-xerrej illi żamm il-merkanzija mixtrija meta kien jaf li kienet affetta minn xi difett ma setgħax jirrifjuta l-ħlas. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura f'din l-aħħar sentenza.*

*Fuq l-iskorta ta' dan it-tagħlim, din il-Qorti tikkonkludi illi minkejja li s-soċjeta' kjamata fil-kawża kienet f'posizzjoni li tinduna illi l-merkanzija mibjugħa kienet skaduta, ma tistax issa topponi t-talba għall-hlas darba ddeċidiet li żżomm il-merkanzija u ma tikkawtelax id-drittijiet tagħha skond il-liġi, dan billi tiddepożita formalment il-merkanzija taħt l-awtorita tal-Qorti u tistitwixxi azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ fit-termini li tgħid il-liġi.*" [2]

---

[1] Trattato Teorico –Pratico di Diritto Civile: Della Vendita e Della Pemuta: para.312 pag.324
[2] Qorti ta' Ghawdex, Superjuri Civili: G.D.Trading Company Limied vs Mario Grech et. 14.03.2000

Fil-każ in eżami rriżulta li sa sena wara li saret il-konsenja s-soċjeta' konvenuta kienet għadha qed tagħmel il-pagamenti rateali lill-attur b'mod regolari. Ma jistax ikun li f'dak iż-żmien kollu li kellha l-vettura in kwistjoni fil-pussess tagħha d-difetti allegati, jekk tassew kienu pre-eżistenti l-bejgħ, kienu għadhom ma tfaċċawx u ma għamlet xejn biex tgħarraf lill-attur bihom. Huwa iżjed verosimili dak li jsostni l-attur fis-sens li l-ħsarat lamentati rriżultaw max-xogħol bl-użu ta' din il-vettura, li wara kollox ma kienitx xi waħda ġdida meta nbiegħet lis-soċjeta' konvenuta. Qatt ma kien hemm ebda tentattiv da parti tas-soċjeta' konvenuta biex tgħarraf lill-attur li ma rieditx iżżomm il-vettura u li riedet tikkanċella l-bejgħ. Minflok għażlet li tagħmel hi stess it-tiswijiet meħtieġa u ppretendiet biss li l-attur inqaqqsilha l-ispejjeż li kienu saru mill-ammont li kien għadu dovut,  rimedju li kif rajna mid-dottrina u ġurisprudenza hawn iċċitata, ma kienx disponibbli għaliha.

Għaldaqstant it-talba ta' l-attur għall-ħlas tal-bilanċ dovut tirriżulta ġustifikata.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tilqa t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta debitriċi tal-attur fis-somma ta' ħdax il-elf u ħames mitt lira maltija (Lm11,500), jew aħjar fi flus korrenti  sitta u għoxrin elf seba' mija tmienja u tmenin euro (€26,788); u
2. tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attur din is-somma.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din iċ-ċitazzjoni sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------